PDF Compressor Pro





Mons. Isqof Mario Grech flimkien ma' uħud minn dawk li attendew għall-konferenza, quddiem il-kappella tal-Lunzjata, hekk kif spiċċa t-talb

# Konferenza dwar in-*Napro Technology* (metodu naturali tat-tnissil)

Nhar il-Ħadd 21 ta' Marzu fl-10.00 ta' filgħodu, id-Direzzjoni ta' Dar Ġużeppa Debono organizzat konferenza dwar in-*Napro Technology*, li hu metodu naturali tat-tnissil. Il-konferenza ingħatat mit-Tabiba Margaret Spiteri u kienet indirizzata għall-għarajjes, kif ukoll għall-miżżewġin li jixtiequ jew li qed jistennaw tarbija. Wara l-konferenza li saret fis-sala ta' quddiem il-kappella tal-Lunzjata, il-koppji ngħabru fil-Kappella fejn Mons. Isqof Mario Grech mexxa t-talb fosthom qara s-Supplika lil Ġesù inkarnat fil-ġuf ta' Marija. Imbagħad Mons. Isqof Grech iċċelebra quddiesa.



Waqt it-Talb fil-Kappella tal-Lunzjata



Jidhru żgħażagħ Għawdxin fil-Knisja taċ-Ċentru Pastorali Ir-Ragħaj it-Tajjeb, fir-Rabat, Għawdex, waqt il-provi tal-kant, nhar is-Sibt 20 ta' Marzu, wara nofsinhar

# Kor taż-Żgħażagħ

Fl-okkażjoni tal-laqgħa tal-Papa maż-żgħażagħ, nhar it-18 ta' April ġewwa l-Valletta Waterfront, il-KDZ (Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ) ta' Malta u t'Għawdex qed iwaqqfu kor magħmul minn 90 żgħażagħ flimkien ma' orkestra ċkejkna t'10 mużiċisti. Dawn iż-żgħażagħ ser janimaw il-folla bi preparazzjoni għall-miġja tal-Papa bejn l-4.30pm u l-5.30pm, u mbagħad ikomplu jkantaw l-innijiet waqt il-laqgħa mal-Papa bejn il-5.15 u s-6.16pm.

L-innijiet kollha magħżula huma komposti minn awturi Maltin u Għawdxin. Ix-xewqa tal-kor hi li l-folla miġbura tkanta flimkien mal-kor u għal dan l-għan twaqqfet websajt ġdida popeyouthchoir.org fejn kulħadd ikun jista' jisma' u jitgħallem l-innijiet. Il-kor u l-orkestra qed jiġu kkordinati mis-Sinjorina Dorienne Portelli u s-Sur Richard Grech mill-KDZ t'Għawdex.

**MINN GĦAWDEX**



*ma'* **Charles Spiteri**



Mariella Vella, il-pilota Għawdxija

# Pilota Għawdxija

L-Għawdxija Mariella Vella ġiet appuntata bħala *First Officer* ma' l-*Airmalta plc*. Mariella, bint Anthony u Alice xebba Dimech, ħadet l-edukazzjoni tagħha fl-Iskola Primarja ta' Victoria u aktar tard fl-iskola sekondarja tal-bniet f'Victoria stess. Hija attendiet kors ta' sentejn fiċ-Ċentru għall-Istudji Ogħla Sir M'Ang Refalo. Wara li attendiet għal simestru fil-kors ta' l-Inġinerija fl-Università ta' Malta, Mariella bdiet issegwi kors ta' l-avjazzjoni li dam għaddej tnax-il xahar *f'Oxford Aviation Academy* fir-Renju Unit, u kors ta' taħriġ ta' sitt xhur f'*Goodyear*, Phoenix, l-Istati Uniti.

Permezz tat-taħriġ li ħadet, Mariella, li għandha 21 sena, kisbet il-liċenzja ta' pilota kummerċjali u l-*Multi-Engine Instrument Rating (CPL ME/IR)* u l-*MCC/JOC*. Mariella hija l-ewwel mara Għawdxija li ħadet il-liċenzja ta' pilota kummerċjali. Issa hija ngħaqdet ma' piloti oħra rġiel Għawdxin li jtajru l-flotta ta' l-ajruplani ta' l-*Air Malta*.



Fil-kċina tal-iskola tas-Seminarju Minuri. Jidhru Amanda Tabone mill-Qala, Leanne Azzopardi, Vicky Xuereb, Clodia Xuereb u Anna Zammit, ilkoll mir-Rabat, Marlin Farrugia min-Nadur u Eileen Mercieca mix-Xewkija

# Figolli

Diversi għalliema u ġenituri li jgħallmu u li għandhom it-tfal jattendu l-iskola minuri fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, fir-Rabat, Għawdex, nhar il-Ġimgħa 19 ta' Marzu, għenu fit-tisjir tal-figolli fil-kċina rinovata tal-iskola. Din l-attività hija mmirata biex iżżid l-fondi ħalli tiffinanzja proġetti varji fi ħdan l-istess skola.

**Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott -** *Hard Cover*



Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott. Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti

Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald PO Box 330 Merrylands NSW 2160** jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**

**Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.**

***Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna***